MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' April, 2014

Rikors Kongunt Numru. 50/2014

AB

**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konguntiv illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fil-15 ta' Gunju 2004; illi minn din l-ghaqda ma twieldu ebda tfal;

Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali, in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 16 ta' Marzu 2012 in atti Nutar Dr Reuben Debono, li kopja tieghu qed tigi hawn mehmuza;

Illi ghalkemm il-partijiet ilhom legalment separati biss ghal dawn l-ahhar sentejn, mandanakollu, kienu ilhom *de facto* separati ghal perjodu itwal, u ilhom jghixu hajja separata minn ma' xulxin ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi in vista tal-premess ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom, u l-partijiet qed jghixu hajja kompletament indipendenti minn ma xulxin;

Illi ma hemm ebda pendenza dwar hlas ta’ manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-ohra, ghaliex ma gie likwidat ebda hlas ta’ manteniment, oltre l-fatt illi l-partijiet huma finanzjarjament indipendenti;

Illi l-fatti hawn fuq imsemmiija huma sufficjenti sabiex jissudisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi sabbilit minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Marzu, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati biss ghal dawn l-ahhar sentejn, izda kienu ilhom de facto separati ghal perjodu itwal u ilhom jghixu hajja separata minn ma xulxin ghal aktar minn erba’ snin;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenza fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------